

# IL-JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2023

## KTEJJEB UFFIĊJALI

mcyn
malta catholic youth network

kdżg

WYD LISBON 2023

# KONTENUT




1. DETTALJI IMPORTANTI
2. KELMA MILL-ISQFIJIET
3. PROGRAMM
4. QARI U RIFLESSJONIJIET
5. QUDDIES: MALTI U INGLIŻ
6. TALB
7. INNU UFFIĊJALI

1) 

2) 

3) 

4) 

5) 

6) 

7) 

*1) BENJAMIN FLORES MARTIN:* +356 79212889
*2) FR MARK BONELLO:* +356 99228367
*3) BERNADETTE FENECH:* +356 79288663
*4) GABRIEL CASSAR TABONE* *(Safeguarding Delegate)*: +356 79960435
*5) CHANTELLE CAUCHI:* +356 99559746

F'isem id-Digital Presence Office, għall-fini ta' rapurtaġġ u media, se jkun hemm preżenti magħna:

*6) EVAN DEMICOLI* *7) SARAH ZAMMIT MUNRO*

F'każijiet t'attenzjoni medika, se jkun hemm servizzi disposti f'kull post t'attività: 16-il struttura temporanja tal-ewwel għajnuna fil-Park Eduardo VII, 57 f'Campo de Graca, u 14 fil-belt tal-kumplament tal-festivals. F'każ ta' bżonn, ċempel fuq **800242424** biex jiggwidawk għall-eqreb għajnuna disponibbli. Ċempel **112** f'każijiet t'emerġenza biss.

Infakkruk biex tixrob spiss, tuża l-prodotti neċessarji għall-prevenzjoni mix-xemx, tilbes kappell/beritta, u tevita xemx diretta bejn 12:00 u l-16:00.

Għall-individwi abbonati ma' GasanMamo Insurance:
*Jekk tkun suġġett għal korriment jew mard serju, koordinaturi u assistenti esperjenzati, fejn ikkunsidrat neċessarju, jagħmlu kuntatt ma' sptarijiet u jassiguraw spejjeż mediċi. Fejn mitlub, konsulenti mediċi jiġu mitkellma dwar il-possibiltà t'arranġament ta' ripatrijazzjoni. Collinson Medical Assistance jistgħu jiġu kkuntattjati fuq +44(0)2071111101 24 siegħa kuljum jew fuq medicalops@collinsongroup.com.*

# 1. DETTALJI



Għeżież żgħażagħ,

Intom u tippreparaw u tgħixu l-esperjenza tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Lisbona, nawguralkom li tkunu xhieda sabiħa ta' mħabba bejnietkom, ta' paċenzja, imma fuq kollox ta' entużjażmu għall-fidi, għat-tama u l-imħabba li għallimna Ġesù, bil-kelma, bl-eżempju u bil-ħajja tiegħu. Intom u tiltaqgħu mal-Papa Franġisku u tisimgħu l-kelma tiegħu, nawguralkom li tħossu t-tgħanniqa sabiħa tal-ħniena ta' Alla u l-ferħ ta' min jagħti ħajtu għall-avventura ta' tama li hi l-ħajja Nisranija.

Nawguralkom mixja sabiħa flimkien, pellegrinaġġ sabiħ ta' solidarjetà u l-esperjenza qawwija li tissieħbu ma' eluf oħra ta' żgħażagħ mid-dinja kollha, li jgħixu – minkejja d-dgħufija ta' kull wieħed u waħda minna – l-ideal sabiħ tal-ħajja Nisranija.

Nagħtikom bil-qalb il-barka pastorali tiegħi, il-vjaġġ it-tajjeb, il-mixja t-tajba, l-esperjenza sabiħa tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2023.

✠ Charles J. Scicluna
Arċisqof ta' Malta



Għeżież,

Fil-messaġġ tiegħu għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Lisbona, il-Papa Franġisku stedinna sabiex nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq il-figura ta' Marija li "qamet u marret tħaffef" (Lq 1:39) biex tmur u tgħin lill-kuġina tagħha Eliżabetta. Hija 'tqum' u tidħol f'moviment għax tafda fil-pjanijiet ta' Alla li hu l-aħjar proġett possibli li jista' jkollha għal ħajjitha. Hi 'marret tħaffef' għax ma baqgħetx indifferenti, magħluqa fiha nnifisha iżda tefgħet il-ħarsa tagħha fuq il-bżonnijiet tal-oħrajn. U dan kollu, jgħidilna l-Papa, mela lil ħajjet Marija b'dinamiżmu u ferħ.

Meta dan l-atteġġjament ikun imħaddem b'mod tajjeb, iwassalna dejjem sabiex ngħixu esperjenza qawwija ta' Alla u tal-oħrajn, hekk kif ġara bejn Marija u Eliżabetta. Kull meta aħna wkoll inkunu miftuħa li nilqgħu lil ħaddieħor, b'rispett u mingħajr preġudizzju, u fuq kollox b'ħarsa ta' ħniena, inkunu qegħdin nagħtu spazju lill-Ispirtu ta' Alla sabiex jaħdem f'kull wieħed u waħda minna bil-qawwa tiegħu, bil-qawwa ta' Ġesù.

Għalhekk, Marija tibqa' għalina lkoll il-mudell ta' kif nilqgħu d-don kbir li hu binha Ġesù – l-imħabba bla qies tiegħu għalina, is-salvazzjoni u l-ħajja ġdida li joffrilna – u dan id-don ngħadduh lill-oħrajn. Nitlob sabiex matul din l-esperjenza li se ngħixu flimkien matul dawn il-ġranet, tkun okkażjoni ħalli nduqu dak il-ferħ veru tal-laqgħa tagħna ma' Alla u mal-oħrajn u b'hekk insiru messaġġiera u xhieda tal-ħwejjeġ kbar li għamel magħna l-Mulej.

✠ Anton Teuma
Isqof ta' Għawdex

# 2. PROGRAMM

***IT-TLIETA L-1 T'AWWISSU***

19:00 QUDDIES TAL-FTUĦ

***L-ERBGĦA 2 T'AWWISSU***

09:30 ĦIN TA' KATEKEŻI U INKONTRI

***IL-ĦAMIS 3 T'AWWISSU***

09:30 ĦIN TA' KATEKEŻI U INKONTRI

17:45 LAQGĦA TAL-FTUĦ MAL-PAPA

***IL-ĠIMGĦA 4 T'AWWISSU***

09:30 ĦIN TA' QRAR U INKONTRI

18:00 IT-TRIQ TAS-SALIB

***IS-SIBT 5 T'AWWISSU***

20:45 VĠILI

***IL-ĦADD 6 T'AWWISSU***

09:00 QUDDIES AĦĦARIJA

Dawn l-attivitajiet imniżżlin hawnhekk huma biss l-avvenimenti ċentrali li fihom se nkunu flimkien. Matul il-ġimgħa se jkun hemm 480 attività oħra għall-interess tiegħek, f'100 post differenti, fosthom 2 kompetizzjonijiet sportivi, 38 konferenza, 6 gruppi taż-żfin, 290 kunċert, 5 films, 10 prestazzjonijiet teatrali, 15-il wirja, u 55 attività reliġjuża. Dawn se jkunu mxerrda mal-akwati tal-postijiet murija fil-paġna li jmiss. Inħeġġuk tħalli s-SIbt waranofsinhar liberu biex nimxu flimkien lejn il-post tal-vġili li ġeneralment jieħu bejn sagħtejn jew tlieta bil-pass. Gawdi kemm tiflaħ, speċjalment il-preżenza tal-Mulej tul il-vjaġġ kollu.

FITTEX DAWN IL-POSTIJIET U IKTAR FUQ GOOGLE MAPS

- Ajruport
- **Campo da Graça, Parque Tejo**
- **Colina do Encontro, Parque Eduardo VII**
- Alameda
- Praça do Império
- Coreto da Graça
- Loures
- Castelo de S. Jorge
- Terreiro do Paço
- Jardim da Estrela

# 4. RIFLESSJONIJIET

*IT-TNEJN 31 TA' LULJU*

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew**

F’dak iż-żmien, Ġesù ġab lill-folla parabbola oħra u qalilhom: “Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel ikun qabad u żeragħha fl-għalqa tiegħu. Hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-żrieragħ kollha, iżda meta tikber, tkun l-akbar waħda fost il-ħxejjex u ssir siġra, hekk li l-għasafar tal-ajru jiġu jbejtu fil-friegħi tagħha”.

Qalilhom parabbola oħra: “Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil ftit ħmira li waħda mara tkun qabdet u ħalltet ma’ tliet sigħan dqiq sa ma tkun għoliet l-għaġna kollha”.

Dan kollu Ġesù qalu bil-parabboli lin-nies, u mingħajr xi parabbola ma kienx ikellimhom, biex hekk iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta, meta qal:

“Niftaħ fommi bil-parabboli,
nitkellem fuq ħwejjeġ moħbija
sa mit-twaqqif tad-dinja”.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

Ġesù bil-parabboli jitkellem b'lingwa li jistgħu jifhmuha dawk ta' madwaru. Jien x'lingwaġġ jew ġesti qed nuża biex inwassal il-kelma u l-imħabba t'Alla lil dawk ta' madwari?

F'din il-parabbola Ġesù juri li Hu kapaċi joħloq affarijiet kbar mill-iktar affarijiet żgħar. X'inhuma dawk l-affarijiet żgħar tiegħi li nista' nerħi f'idejn Ġesù?

## *IT-TLIETA L-1 T'AWWISSU*

### Qari mill-Evanġelju skont San Mattew

F'dak iż-żmien, Ġesù ħalla n-nies u mar id-dar. Resqu lejh id-dixxipli tiegħu u qalulu: "Fissirhielna l-parabbola tas-sikrana fl-għalqa". U weġibhom: "Dak li jiżra' ż-żerriegħa t-tajba huwa Bin il-bniedem. L-għalqa hija d-dinja; iż-żerriegħa t-tajba huma wlied is-Saltna; is-sikrana huma wlied il-Ħażin, u l-għadu li żeragħha huwa x-Xitan. Il-ħsad ifisser tmiem id-dinja, u l-ħassada l-anġli. Mela bħalma s-sikrana jiġbruha u jaħarquha fin-nar, hekk isir fi tmiem id-dinja. Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u huma jiġbru barra mis-Saltna tiegħu kulma jġib it-tfixkil u kull min jagħmel il-ħażen, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien. Imbagħad il-ġusti jsiru jiddu bħax-xemx fis-Saltna ta' Missierhom. Min għandu widnejn, ħa jisma'!".

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

Dal-vjaġġ f'Liżbona hu esperjenza ferm sabiħa imma wkoll ferm qasira. Huwa pellegrinaġġ li b'xi mod jixbah lill-ħajja tagħna, li minkejja l-ħafna esperjenzi li ngħaddu minnhom, hu vjaġġ pjuttost qasir. Wara l-pellegrinaġġ f'Liżbona, aħna nerġgħu mmorru lura lejn id-dar. L-istess wara din il-ħajja, aħna msejħin biex immorru fil-veru dar tagħna.

X'inhi dik is-sikrana fil-ħajja tiegħi li tfixkilna milli ngħix tajjeb?

X'inhi dik iż-żerriegħa tajba li diġà hemm fil-ħajja tiegħi li fuqha nista' nkompli ntejjeb l-għajxien tiegħi biex inkun pass eqreb lejn il-veru dar tiegħi?

## *L-ERBGĦA 2 T'AWWISSU*

### Qari mill-Evanġelju skont San Mattew

F’dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: “Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil teżor moħbi f’għalqa, li wieħed raġel isibu u jaħbih, u kollu ferħan imur ibigħ kulma jkollu u jixtri dik l-għalqa. Tixbah ukoll is-Saltna tas-Smewwiet lil wieħed negozjant ifittex ġawhar fin; meta sab ġawhra tiswa ħafna, mar biegħ kulma kellu u xtara lilha”.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

X'inhuma l-iktar affarijiet li ngħożż f'ħajti?

X'inhi dik il-ħaġa l-iktar li nixxennaq għaliha f'ħajti f'dal-mument?

Ġesù f'din il-parabbola jurina li meta xi ħadd jiskopri x'inhi din is-"Saltna tas-Smewwiet", jagħmel li jista' u jħallas kemm hemm bżonn biex jakkwistaha. Ma nistgħux nakkwistawha bil-flus, imma billi ngħidu 'iva'.

U x'inhi din is-saltna? Hija post t'intimità m'Alla. Hi xi ħaġa li minn issa nista' nibda nesperjenza togħmiet żgħar tagħha. Kif? Permezz tat-talb. U x'inhu t-talb? Sempliċiment djalogu: post fejn int titkellem u tisma' lil dak li l-iktar iħobbok.

## *IL-ĦAMIS 3 T'AWWISSU*

**Salm Responsorjali**
**Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti!**

Tixxennaq u tinfena ruħi għat-tempju tal-Mulej;
ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi lil Alla l-ħaj.

Sal-għasfur isib fejn jgħammar, u l-ħuttafa ssib il-bejta
ħdejn l-artali tiegħek; hemm hi tqiegħed iż-żgħar tagħha,
Mulej tal-eżerċti, Sultan u Alla tiegħi!

Henjin dawk li jgħammru f'darek; huma jfaħħruk għal dejjem.
Henjin dawk li jsibu fik il-qawwa tagħhom,
jimxu u aktar jissaħħu.

Għax jum wieħed fit-tempju tiegħek
aħjar minn elf jum f'post ieħor.

Dan is-salm jgħallimna li fid-dar tal-Mulej, kulħadd mistieden.

- Kemm inħossni parti minn din il-familja li hi l-Knisja?
- B'liema mod jien parteċipi fil-ħajja ta' din il-familja?
- X'relazzjonijiet sinifikanti għandi f'din il-familja?
- Li kieku jkolli niddeskrivi r-relazzjoni tiegħi m'Alla fi ftit kliem, x'ngħid?

## IL-ĠIMGĦA 4 T'AWWISSU

### Qari mill-Evanġelju skont San Mattew

F’dak iż-żmien, Ġesù mar lejn pajjiżu. Beda jgħallem lin-nies fis-sinagoga tagħhom, u huma baqgħu mistagħġba hekk li bdew jgħidu: “Mnejn ġieb dan l-għerf u din il-qawwa tal-għaġeb? Dan mhuwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu mhijiex dik li jisimha Marija, u ħutu Ġakbu u Ġużeppi u Xmun u Ġuda? U ħutu l-bniet mhumiex kollha magħna? Mnejn ġieh dan kollu?”. U tfixklu minħabba fih. Imma Ġesù qalilhom: “Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f’pajjiżu u daru stess”. U hemmhekk ma għamilx ħafna mirakli minħabba n-nuqqas ta’ fidi tagħhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

F'dan ir-rakkont, niltaqgħu ma' grupp ta' nies li ċertament jafu dwar Ġesù... minn fejn ġej, il-familjari tiegħu, eċċ... imma ma ħallewx lilhom infushom isiru jafuh b'mod dirett. Aħna wkoll, nistgħu nkunu ħafna dwar Ġesù, imma bħal dan il-grupp ta' nies ma nkunux nafuh b'mod personali. Xi ħadd jista' jiddeskrivi t-togħma ta' ċikkulata partikulari, imma żgur li mhux se tkun esperjenza aħjar milli fl-aħħar idduq iċ-ċikkulata biex fl-aħħar issir taf aħjar it-togħma. Ma' Ġesù l-istess.

X'verżjoni ta' Ġesù tawni n-nies ta' madwari?

Min hu Ġesù għalija personali?

B'liema mod nista' nsir nafu (lilu direttament mhux biss dwaru) aħjar?

## IS-SIBT 5 T'AWWISSU

**Salm Responsorjali**
**Ifaħħruk il-popli, o Alla, ifaħħruk il-popli kollha**

Iħenn għalina Alla, u jberikna;
idawwar għal fuqna d-dija ta' wiċċu!
Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek.

Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
għax trieġi l-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art inti tmexxihom.

L-art tat il-frott tagħha;
iberikna Alla, Alla tagħna!

M'hemmx post aħjar biex nitolbu dan is-salm jekk mhux f'World Youth Day, attività li fiha nies minn kull ġens jiltaqgħu u jfaħħru lil Alla. Darba xi ħadd iddeskriva lill-bniedem bħala kreatura li kontinwament tfittex li tagħti qima lil xi ħadd jew xi ħaġa. Allura b'din id-deskrizzjoni l-mistoqsija mhijiex jekk il-bniedem jadurax jew le, imma x'qed jadura.

- Jien f'ħajti, x'nadura?
- Naf li Alla għandu jieħu l-ewwel post, imma naf ukoll li kultant ċerti affarijiet jeħdulu postu. X'inhuma dawn l-affarijiet u kif nista' nagħti iktar prijorità lil Alla f'ħajti?
- Is-salm jurina li dawk li jfaħħru lil Alla huma mimlija bil-ferħ. Jien kif qed nuri dan il-ferħ li hemm ġewwa fija ma' ħaddieħor?

## *IL-ĦADD 6 T'AWWISSU*

### Qari mill-Evanġelju skont San Mattew

Sitt ijiem wara, Ġesù ħa miegħu lil Pietru u 'l Ġakbu u 'l ħuh Ġwanni, tellagħhom fuq muntanja għolja weħidhom, u tbiddel quddiemhom. Wiċċu sar jiddi bħax-xemx, u lbiesu sar abjad bħad-dawl. U dehrulhom Mosè u Elija jitħaddtu miegħu. Qabeż Pietru u qal lil Ġesù: "Mulej, kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija." Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu." Id-dixxipli, kif semgħu dan, waqgħu wiċċhom fl-art, mimlijin biża'. Ġesù resaq lejhom, messhom u qalilhom: "Qumu. La tibżgħux." Huma refgħu għajnejhom u ma raw lil ħadd ħlief lil Ġesù waħdu. Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, Ġesù ordnalhom u qalilhom: "Tgħidu lil ħadd b'din id-dehra sa ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet."

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

"Kemm hu sew li aħna hawn." Żgur li ħafna minna jħossu l-istess sentimenti bħal Pietru għal World Youth Day, u bħalu nkunu rridu nibqgħu f'dawn il-mumenti tant sbieħ.

X'inhuma l-iktar affarijiet li se jibqgħu miegħi minn World Youth Day?

Il-Missier jgħidilna biex nisimgħu minn Ġesù. B'liema mod smajtu lil Ġesù f'dan il-pellegrinaġġ? Hemm xi kelma partikulari li biha ħassejtu jkellimni?

Fir-rakkont hemm miktub biex l-Appostli ma jgħidu b'xejn lil ħadd sa ma jqum. Eventwalment, Ġesù qam mill-mewt, u din l-esperjenza xterdet tant li llum waslet għandna wkoll. Jiena kif se nxerred l-esperjenza li kelli ma' Ġesù ma' ħaddieħor?

# 5. QUDDIES BIL-MALTI

## *RIT TAL-BIDU*

Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu. **Ammen.**

Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba t' Alla, u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu tkun magħkom ilkoll. **U miegħek ukoll.**

Ħuti, ejjew nagħrfu ħtijietna, biex nitħejjew tajjeb ħalli niċċelebraw il-misteri qaddisa. **Nistqarr 'l Alla li jista' kollox, u lilkom, ħuti, li jiena dnibt ħafna bil-ħsieb, bil-kliem, bil-għemil, u billi ħallejt dmirijieti: ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, bl-ikbar ħtija tiegħi. Għalhekk nitlob lill-imqaddsa Marija dejjem Verġni, lill-Anġli u 'l-Qaddisin kollha, u lilkom, ħuti, biex titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.**

Iħenn għalina Alla li jista' kollox, jaħfrilna dnubietna, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Ammen.**
Mulej, ħniena. **Mulej, ħniena.**
Kristu, ħniena. **Kristu, ħniena.**
Mulej, ħniena. **Mulej, ħniena.**

## *GLORJA*

**Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba. Infaħħruk, inberkuk, nadurawk, nagħtuk ġieħ, inroddulek ħajr għall-glorja kbira tiegħek. Mulej Alla, Sultan tas-sema. Alla Missier li tista' kollox, Mulej Iben waħdieni, Ġesù Kristu, Mulej Alla, Ħaruf t'Alla, Bin il-Missier, int li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ħenn għalina; int li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ilqa' t-talb tagħna; int li qiegħed fuq il-lemin tal-Missier, ħenn għalina. Għaliex int waħdek Qaddis, int waħdek Mulej, int waħdek il-Għoli, Ġesù Kristu, mal-Ispirtu s-Santu: fil-glorja tal-Missier Alla. Ammen.**

## *LITURĠIJA TAL-KELMA*

*(Jinqara l-ewwel qari, is-salm, u l-Vanġelu skont il-qari tal-ġurnata, biż-żieda tat-Tieni qari f'każ li jkun il-Ħadd.)*

## *KREDU*

**Jiena nemmen f'Alla wieħed, il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art, dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx. U f'Mulej wieħed Ġesù Kristu, Iben waħdieni ta' Alla, imnissel mill-Missier qabel kull żmien. Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel, mhux magħmul, natura waħda mal-Missier; u bih sar kollox. Niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna. U ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem. Sallbuh għalina, bata taħt Ponzju Pilatu, miet u difnuh, u fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet, skont il-Kotba mqaddsa, u tela' s-sema, u qiegħed fuq il-lemin tal-Missier. U għandu jerġa' jiġi bil-glorja biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem. U fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jagħti l-ħajja; li ġej mill-Missier u mill-Iben; li hu meqjum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u mal-Iben; hu li tkellem b'fomm il-profeti. U fi Knisja waħda, qaddisa, kattolika, appostolika. Nistqarr magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet. U nistenna l-qawma mill-imwiet, u l-ħajja taż-żmien li ġej. Ammen.**

## *TALBA TAL-KOMUNITÀ*

*(Tinqara t-talba t'interċessjoni jew tingħad b'mod spontanju)*

## *LITURĠIJA TAL-EWKARISTIJA*

Imbierek int, Mulej, Alla tal-ħolqien kollu, għax fi tjubitek tajtna l-ħobż li qegħdin noffrulek, – frott tal-art u xogħol il-bniedem, li minnu jsir għalina l-ħobż tal-ħajja. **Imbierek Alla għal dejjem.**

Imbierek int, Mulej, Alla tal-ħolqien kollu, għax fi tjubitek tajtna l-inbid li qegħdin noffrulek, frott tad-dielja u xogħol il-bniedem, li minnu jsir għalina x-xorb tar-ruħ. **Imbierek Alla għal dejjem.**

Itolbu, ħuti, biex is-sagrifiċċju tiegħi u tagħkom ikun jogħġob lil Alla l-Missier li jista' kollox. **Jilqa' l-Mulej minn idejk is-sagrifiċċju għat-tifħir u l-glorja ta' ismu, għall-ħtiġijiet tagħna u tal-Knisja mqaddsa kollha tiegħu.**

## *TALBA EWKARISTIKA*

Il-Mulej magħkom. **U miegħek ukoll.** Nerfgħu qlubna 'l fuq. **Nerfgħuhom lejn il-Mulej.** Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna. **Hekk sewwa u xieraq.**

Sewwa u xieraq tassew, Missier qaddis, tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna, li dejjem u kullimkien inroddulek ħajr b'Ibnek il-għażiż, Ġesù Kristu, il-Verb tiegħek li bih għamilt kollox, li int bgħatthulna bħala Salvatur u Feddej, magħmul bniedem mill-Ispirtu s-Santu u mwieled minn Marija Verġni. Huwa temm ir-rieda tiegħek, u kiseb għalik poplu qaddis: u fil-passjoni tiegħu fetaħ idejh fuq is-salib, biex iħollna mill-irbit tal-mewt u jurina l-qawmien għall-ħajja. Għalhekk, flimkien mal-Anġli u l-Qaddisin kollha, inxandru l-glorja tiegħek u b'leħen wieħed intennu:
**Qaddis, Qaddis, Qaddis, Mulej, Alla tal-eżerċti. Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek. Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet. Imbierek min ġej f'isem il-Mulej. Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet.**

Qaddis tassew int, Mulej: inti l-għajn ta' kull qdusija. Qaddes, għalhekk, nitolbuk, dawn l-offerti bil-barka tal-Ispirtu tiegħek, biex isiru għalina l-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu. Li, meta kien sa jingħata biex minn rajh ibati, ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasam, ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:

**Ħudu u kulu lkoll minn dan: għax dan huwa ġismi li jingħata għalikom.**

Hekk, ukoll, wara l-ikla ħa l-kalċi, reġa' radd il-ħajr, ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:
**Ħudu u ixorbu minnu lkoll: għax dan huwa l-kalċi ta' Demmi tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem: id-Demm li jixxerred għalikom u għall-bnedmin kollha għall-maħfra tad-dnubiet. Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.**

Dan hu l-Misteru tal-Fidi. **Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.**

Għalhekk, aħna u nagħmlu dan b'tifkira tal-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu, noffrulek, Mulej, il-ħobż tal-ħajja u l-Kalċi tas-salvazzjoni, u nroddulek ħajr għax għoġbok tilqagħna hawn quddiemek biex naqduk. U miċ-ċokon tagħna nitolbu li l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna f'ġisem wieħed lilna li nieħdu sehem mill-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.

Ftakar, Mulej, fil-Knisja tiegħek imxerrda mad-dinja kollha, wettaqha fl-imħabba, flimkien mal-Papa Franġisku, mal-Isqof tagħna Charles, mal-Isqof Joseph li qed jgħinu, mal-Isqof Anton, u mal-ministri tiegħek kollha.

Ftakar ukoll f'ħutna li raqdu bit-tama tal-qawmien: ftakar fil-mejtin kollha: daħħalhom quddiemek fid-dawl tas-sebħ tiegħek. Ħenn għalina lkoll, nitolbuk, agħti lilna wkoll il-wirt tal-ħajja ta' dejjem flimkien mal-Verġni Mqaddsa, Omm Alla, Marija, mal-Għarus tagħha San Ġużepp, mal-Appostli u l-Qaddisin kollha li għexu fil-ħbiberija tiegħek sa mill-bidu tad-dinja: agħmel li magħhom infaħħruk u nsebbħuk b'Ġesù Kristu Ibnek.

Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu, jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox, flimkien mal-Ispirtu s-Santu, kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**

## *RIT TAT-TQARBIN*

**Missierna, li inti fis-smewwiet jitqaddes ismek; tiġi saltnatek; ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum; aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina: u la ddaħħalniex fit-tiġrib; iżda eħlisna mid-deni.**

Eħlisna, nitolbuk, Mulej minn kull deni; agħtina, fit-tjieba u l-ħniena tiegħek, il-paċi fi żmienna, biex inkunu ħielsa dejjem mid-dnub u mħarsa minn kull inkwiet, aħna u nistennew u nittamaw il-hena u l-miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. **Għax tiegħek hi s-saltna, il-qawwa u l-glorja għal dejjem.**

Mulej Ġesù Kristu, li għidt lill-Appostli tiegħek: inħallilkom is-sliem, nagħtikom is-sliem tiegħi: la tħarisx lejn dnubietna, iżda ħares lejn il-fidi tal-Knisja tiegħek; agħtiha s-sliem u l-għaqda li int trid fiha. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**
Il-paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom. **U miegħek ukoll.**
Agħtu l-paċi lil xulxin.

**Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ħenn għalina.**
**Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ħenn għalina.**
**Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, agħtina l-paċi.**

Dan hu l-Ħaruf t'Alla, dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-Ħaruf. **Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid kelma waħda, u ruħi tkun imfejqa.**

## *RIT TAL-GĦELUQ*

*(Wara t-Tqarbin.)*

Il-Mulej magħkom. U miegħek ukoll.
Iberikkom Alla li jista' kollox, il-Missier, u l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu. **Ammen**.

Morru fil-paċi ta' Kristu.
**Inroddu ħajr lil Alla.**

# QUDDIES BL-INGLIŻ

## *INTRODUCTORY RITES*

In the name of the Father, and of the Son, and of the Holy Spirit. **Amen.**

The grace of our Lord Jesus Christ, and the love of God, and the communion of the Holy Spirit be with you all. **And with your spirit.**

Brethren, let us acknowledge our sins, and so prepare ourselves to celebrate the sacred mysteries. **I confess to almighty God and to you, my brothers and sisters, that I have greatly sinned, in my thoughts and in my words, in what I have done and in what I have failed to do, through my fault, through my fault, through my most grievous fault; therefore I ask blessed Mary ever-Virgin, all the Angels and Saints, and you, my brothers and sisters, to pray for me to the Lord our God.**

May almighty God have mercy on us, forgive us our sins, and bring us to everlasting life. **Amen.**
Lord, have mercy. **Lord, have mercy.**
Christ, have mercy. **Christ, have mercy.**
Lord, have mercy. **Lord, have mercy.**

**Glory to God in the highest, and on earth peace to people of good will. We praise you, we bless you, we adore you, we glorify you, we give you thanks for your great glory, Lord God, heavenly King, O God, almighty Father. Lord Jesus Christ, Only Begotten Son, Lord God, Lamb of God, Son of the Father, you take away the sins of the world, have mercy on us; you take away the sins of the world, receive our prayer; you are seated at the right hand of the Father, have mercy on us.**

**For you alone are the Holy One, you alone are the Lord, you alone are the Most High, Jesus Christ, with the Holy Spirit, in the glory of God the Father. Amen.**

## *THE LITURGY OF THE WORD*

*(After 1st and 2nd Reading)*
This is the Word of God. **Thanks be to God.**
(For the gospel)
The Lord be with you. **And with your spirit.**
A reading from the Holy Gospel according to... **Glory to you Lord.**
This is the Word of God. **Praise to you Lord Jesus Christ.**

## *CREDE*

**I believe in one God, the Father almighty, maker of heaven and earth, of all things visible and invisible. I believe in one Lord Jesus Christ, the Only Begotten Son of God, born of the Father before all ages. God from God, Light from Light, true God from true God, begotten, not made, consubstantial with the Father; through him all things were made. For us men and for our salvation he came down from heaven, and by the Holy Spirit was incarnate of the Virgin Mary, and became man. For our sake he was crucified under Pontius Pilate, he suffered death and was buried, and rose again on the third day in accordance with the Scriptures. He ascended into heaven and is seated at the right hand of the Father. He will come again in glory to judge the living and the dead and his kingdom will have no end. I believe in the Holy Spirit, the Lord, the giver of life, who proceeds from the Father and the Son, who with the Father and the Son is adored and glorified, who has spoken through the prophets. I believe in one, holy, catholic and apostolic Church. I confess one Baptism for the forgiveness of sins and I look forward to the resurrection of the dead and the life of the world to come. Amen.**

## *PRAYER OF THE FAITHFUL*

*(to which we reply:* ***Hear our Prayer/Lord Graciously hear us****)*

## *THE LITURGY OF THE EUCHARIST*

Blessed are you, Lord God of all creation, for through your goodness we have received the bread we offer you: fruit of the earth and work of human hands, it will become for us the bread of life. **Blessed be God for ever.**

Blessed are you, Lord God of all creation, for through your goodness we have received the wine we offer you: fruit of the vine and work of human hands, it will become our spiritual drink. **Blessed be God for ever.**

Pray, brethren, that my sacrifice and yours may be acceptable to God, the almighty Father. **May the Lord accept the sacrifice at your hands for the praise and glory of his name, for our good and the good of all His Holy Church.**

The Lord be with you. **And with your spirit.**
Lift up your hearts. **We lift them up to the Lord.**
Let us give thanks to the Lord our God. **It is right and just.**

*(After the preface prayer)*
**Holy, Holy, Holy Lord God of hosts. Heaven and earth are full of your glory. Hosanna in the highest. Blessed is he who comes in the name of the Lord. Hosanna in the highest.**

*(After the Consecration prayer)*
**We proclaim your Death, O Lord, and profess your Resurrection until you come again.**

## *THE COMMUNION RITE*

At the Saviour's command and formed by divine teaching, we dare to say: **Our Father, who art in heaven, hallowed be thy name; thy kingdom come, thy will be done on earth as it is in heaven. Give us this day our daily bread, and forgive us our trespasses, as we forgive those who trespass against us; and lead us not into temptation, but deliver us from evil.**

Deliver us, Lord, we pray, from every evil, graciously grant peace in our days, that, by the help of your mercy, we may be always free from sin and safe from all distress, as we await the blessed hope and the coming of our Saviour, Jesus Christ. **For the kingdom, the power and the glory are yours now and for ever.**

Lord Jesus Christ, who said to your Apostles: Peace I leave you, my peace I give you, look not on our sins, but on the faith of your Church, and graciously grant her peace and unity in accordance with your will. Who live and reign for ever and ever. **Amen.**

The peace of the Lord be with you always. **And with your spirit.**
Let us offer each other the sign of peace.

**Lamb of God, you take away the sins of the world, have mercy on us. Lamb of God, you take away the sins of the world, have mercy on us. Lamb of God, you take away the sins of the world, grant us peace.**

Blessed are those called to the supper of the Lamb. **Lord, I am not worthy that you should enter under my roof, but only say the word and my soul shall be healed.**

## *CONCLUDING RITE*

*(Following Communion.)*

The Lord be with you. **And with your spirit.**

May almighty God bless you, the Father, and the Son, and the Holy Spirit. **Amen.**

Go forth, the Mass is ended/Go and announce the Gospel of the Lord/Go in peace, glorifying the Lord by your life/Go in peace. **Thanks be to God.**

# 6. TALB

## RUŻARJU

Alla tagħna isma' t-talb tagħna, eħles/fittex għinna u ieqaf magħna.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu. Kif kien fil-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Marija Santissima, urina li inti Ommna: Għalik jisma t-talb tagħna Ġesù li twieled għalina u li ried ikun ibnek bħalna.

O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar tal-infern; ħu l-ġenna l-erwieħ kollha, l-aktar dawk li għandhom bżonn tal-ħniena tiegħek.

### MISTERI TAL-FERĦ *(Tnejn u Sibt)*

1. Meta l-Anġlu Gabrijel ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla.
2. Meta marret iżżur lill-qariba tagħha Elizabetta.
3. Meta Sidna Ġesù Kristu twieled fl-għar ta' Betlehem.
4 Meta Marija ppreżentat lil binha Ġesù fit-Tempju.
5. Meta Marija tilfet lil binha Ġesù u wara tlett ijiem sabitu fit-tempju jiddisputa mad-Dutturi.

### MISTERI TAT-TBATIJA *(Tlieta u Ġimgħa)*

1. Meta Sidna Ġesù Kristu għamel l-orazzjoni fl-ort u għereq l-għaraq tad-demm.
2. Meta Sidna Ġesù Kristu rabtuh mal-kolonna u fflaġellawh.
3. Meta Sidna Ġesù Kristu ġie nkurunat bix-xewk.
4. Meta Sidna Ġesù Kristu għabbewh bis-salib mingħand Pilatu sal-Kalvarju.
5. Meta Sidna Ġesù Kristu sallbuh fuq is-salib u fuqu miet.

## *MISTERI TAL-GLORJA* *(L-Erbgħa u l-Ħadd)*

1. Meta Sidna Ġesù Kristu qam minn bejn l-imwiet.
2. Meta Sidna Ġesù Kristu tela' s-sema.
3. Meta Sidna Ġesù Kristu bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli.
4. Meta Sidtna Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem.
5. Meta Sidtna Marija ġiet inkurunata mit-Trinità u mgħollija fuq il-kori tal-anġli.

## *MISTERI TAD-DAWL* *(Ħamis)*

1. Meta Sidna Ġesù Kristu tgħammed fix-xmara Ġordan.
2. Meta Sidna Ġesù Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana.
3. Meta Sidna Ġesù Kristu ħabbar is-Saltna t'Alla u sejjaħ għall-indiema.
4. Meta Sidna Ġesù Kristu tbiddel quddiem l-Appostli fuq il-muntanja Tabor.
5. Meta Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija, it-tifkira tal-Misteru tal-Għid.

## *MISSIERNA*

Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun dak li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina, u la ddaħħalniex fit-tigrib iżda eħlisna mid-deni. Ammen.

## *SLIEMA* *(għal 10 darbiet)*

Sliem għalik, Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù. Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

## *GLORJA*

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu. Kif kien fil-bidu, issa u dejjem, u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## *SALVE REGINA*

Sliema għalik, Sultana, omm tal-ħniena, ħajja, ħlewwa u tama tagħna, sliem għalik, lilek ingħajtu, għaliex aħna tturufnati, ulied Eva; lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f'dawn il-wied tad-dmugħ. Ejja, mela, avukata tagħna, dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena. Urina, wara dan it-turufnament, lil Ġesù, frott imbierek tal-ġuf tiegħek; o ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija.

## SKONT IL-FEHMA TAL-PAPA

Missierna, Sliema, Glorja

## GĦALL-ERWIEĦ TAL-PURGATORJU

Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem, **id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom**, jistrieħu fis-sliem. **Ammen.**

## LITANIJA

Mulej, ħniena.
Kristu, ħniena.
Mulej, ħniena.
Kristu, ismagħna.
Kristu, ilqa' t-talb tagħna.
Missier Etern Alla.
Iben Alla, li fdejt id-dinja. **"Ħenn għalina"**
Spirtu Qaddis Alla.
Trinità Qaddisa Alla wieħed.
Imqaddsa Marija. **"Itlob għalina"**
Imqaddsa Omm Alla.
Imqaddsa Xebba tax-xbejbiet.
Omm ta' Kristu.
Omm il-Knisja.
Omm tal-grazzja ta' Alla.
Omm l-iżjed safja.
Omm l-iżjed nadifa.
Omm u xebba.
Omm bla tebgħa.
Omm li tistħoqq l-imħabba.
Omm ta' l-għaġeb.
Omm tal-parir it-tajjeb.
Omm ta' min ħalaqna.
Omm ta' min salvana.
Xebba kollok għaqal.
Xebba li tistħoqq kull qima.
Xebba li tistħoqq kull foħrija.
Xebba kollok setgħa.
Xebba kollok ħniena.
Xebba dejjem marbuta m'Alla.
Mera tal-qdusija.
Tron tal-għerf.
Bidu tal-ferħ tagħna.
Għamara tal-Ispirtu s-Santu.
Għamara ta' kull grazzja.
Għamara ta' kull tjieba.
Warda mistika.
Torri ta' David.
Torri tal-avorju.
Dar tad-deheb.
Arka tar-rabta l-ġdida.
Bieb tas-sema.
Kewkba ta' filgħodu.
Saħħa tal-morda.
Kenn tal-midinbin.
Faraġ tal-migranti.
Faraġ tal-imnikktin.
Għajnuna tal-insara.
Sultana tal-Anġli.
Sultana tal-Patrijarki.
Sultana tal-Profeti.
Sultana tal-Appostli.
Sultana tal-Martri.
Sultana tal-Konfessuri.
Sultana tal-Verġni.
Sultana tal-Qaddisin kollha.
Sultana mnissla mingħajr l-ewwel...
...tebgħa.
Sultana mtellgħa s-sema.
Sultana tar-Rużarju Mqaddes.
Sultana tal-familja.
Sultana tal-paċi.

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja: **Aħfrilna, nitolbuk, Mulej.**
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja: **Ismagħna, nitolbuk, Mulej.**
Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja: **Ħenn għalina.**

Itlob għalina qaddisa Omm Alla.
**Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħidna Kristu.**

Nitolbu. O Alla, li ridt li mat-tħabbira tal-Anġlu, l-Iben tiegħek isir bniedem fil-ġuf tal-Verġni Mqaddsa Marija, agħtina nitolbuk, lilna li nistqarruha Omm Alla, li nkunu megħjunin mit-talb tagħha. Bl-istess Kristu Sidna.
**Ammen.**

## *ANGELUS*

L-Anġlu t' Alla ħabbar lil Marija:
**U hija saret omm mill-Ispirtu s-Santu. (**Sliema u Qaddisa)

Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej:
**Ikun minni skont kelmtek.** (Sliema u Qaddisa)

U l-Iben t'Alla sar bniedem:
**U għammar fostna.** (Sliema u Qaddisa)

Nitolbu. Xerred, Mulej, fi qlubna il-grazzja tiegħek biex aħna li bit-tħabbira tal-anġlu għarafna li Kristu Ibnek sar bniedem, bil-passjoni u l-mewt tiegħu naslu għas-sebħ tal-qawmien. Bi Kristu Sidna. Amen.

## *IKUN IMBIEREK ALLA*

Ikun imbierek Alla.
Imbierek l-Isem Imqaddes tiegħu.
Imbierek Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem.
Imbierek l-Isem ta' Ġesù .
Imbierka l-Qalb Imqaddsa tiegħu.
Imbierek id-Demm għażiż tiegħu.
Imbierek Ġesù fis-Santissimu Sagrament tal-artal.
Imbierek l-Ispirtu s-Santu Paraklitu.
Imbierka l-kbira Omm Alla, Marija Santissma.
Imbierka l-Imqaddsa u Mmakulta Kunċizzjoni tagħha.
Imbierek it-Tlugħ glorjuż tagħha fis-sema.
Imbierek l-Isem ta' Marija, Verġni u Omm.
Imbierek San Ġużepp, għarus kastissimu tagħha.
Imbierek Alla fl-anġli u l-qaddisin kollha tiegħu.

## MAGNIFICAT

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi, għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja, għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; qaddis hu l-isem tiegħu. Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu. Hu wera l-qawwa ta' driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla ċ-ċkejknin. Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu, għax ftakar fil-ħniena tiegħu, bħalma wiegħed lil missirijietna, b'risq Abraham u nislu għal dejjem.

## KURUNELLA TAL-ĦNIENA DIVINA

Missierna, Sliema, Glorja

*Jiena nemmen f'Alla, l-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art; u f'Ġesu` Kristu, Ibnu wieħed Sidna, li kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni; bata taħt il-ħaqq ta' Ponzju Pilatu, sallbuh, miet u difnuh; niżel il-Limbu, mat-tielet jum qam minn bejn l-imwiet; tela' fis-smewwiet, qiegħed in-naħa tal-lemin t'Alla l-Missier, li jista' kollox; minn hemm għandu jerġa' jiġi biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin. Nemmen fl-Ispirtu s-Santu; fil-Knisja Mqaddsa Kattolika, fix-Xirka tal-Qaddisin; fil-maħfra tad-dnubiet; fil-qawma tal-imwiet; u fil-ħajja ta' dejjem. Ammen.*

Missier Etern, jiena noffrilek il-Ġisem, id-Demm, ir-Ruħ u d-Divinità ta' Ibnek il-Għażiż, Sidna Ġesù Kristu, bi tpattija għad-dnubiet tagħna u għal dawk tad-dinja kollha.

F'ġieħ il-Passjoni ħarxa tiegħu, ħenn għalina u għad-dinja kollha. (x10)
Qaddis Alla, Qaddis Qawwi, Qaddis Immortali, ħenn għalina u għad-dinja kollha. (x3)

## TALBA LILL-ISPIRTU S-SANTU

Ejja fina Spirtu s-Santu! Noffrilek il-ġrieħi tiegħi: fil-moħħ, fil-ġisem, u fir-ruħ tiegħi. Nitolbok biex iġġib fija fejqan. U nitolbok biex jien inkun sors ta' fejqan għal ħaddieħor, b'dak kollu li ngħid, naħseb u nagħmel. Noffrilek is-sistemi li ninsab fihom, speċjalment il-Knisja, u filwaqt li nagħraf li jien parti minnha, nitolbok biex tkompli tonfoħ fiha l-ħajja. Agħtina iktar għatx għalik. Dawwar ħarsitna lejn Ġesù, u għallimna nħobbuk: permezz tal-intimità miegħek fit-talb, u bl-imħabba tagħna mal-proxxmu. Ejja fina Spirtu s-Santu!

# 7. INNU UFFIĊJALI

*(Verżjoni Internazzjonali)*

*From far and wide to gather in this place*
*We spread our wings and here we are,*
*And with Mary proclaiming our Yes*
*We seek to serve and follow the will*
*Of the Lord, our Father*
*Chiamati ad essere come Cristo Gesù,*
*Vogliamo dare, diventare,*
*Docili al sì, essere come Maria.*

***Todos vão ouvir a nossa voz,***
***Levantemos braços, há pressa no ar.***
***Jesus vive e não nos deixa sós:***
***Não mais deixaremos de amar.***

*Tú que te buscas saber quién eres*
*parte a descubrir, ven a ver lo que vi.*
*Ven con nosotros a mirar más allá,*
*de lo que haces y que no te deja*
*reír y amar.*
*Oublie le passé, ne dis pas non.*
*Écoute donc ton coeur,*
*Et pars sans peur sur cette mission.*

***È stata Maria ad accogliere per prima***
***La grande sorpresa della vita per sempre.***
***Fiduciosa e semplice, volle ricevere***
***il grande mistero di un Dio che è***
***Per te e per me***
***No puedo callar, no puedo dejar***
***de cantar: "Mi Señor,***
***cuenta conmigo, ¡no más callaré!"***

***Sans aucun doute sur sa mission,***
***Si jeune, Marie quitte promptement***
***Sa maison et part dans les montagnes***
***Voir Elisabeth et trouve immédiatement***
***Salutation, communion.***
***Le fruit est béni, c'est mon Seigneur!***
***And I want to hear:***
***You trusted in my word and happiness is yours!***

*(Verżjoni bil-Malti adattata minn Mons. Jimmy Xerri & Fr. Mark Bonello)*

*Mid-dinja kollha nġbarna hawn flimkien*
*djarna ħallejna biex tirna 'l hawnhekk.*
*Ma' Ommna Marija tennejna l-IVA*
*nixtiequ nservu u nagħmlu r-rieda*
*tal-Abba, il-Missier.*
*Imsejħa li nkunu bħal Kristu Ġesù*
*ningħataw u nsiru*
*lesti għall-IVA bħal Ommna Marija.*

***RIT. Il-vuci tagħna tasal ma' kullimkien***
***ejjew ngħollu jdejna, u nħaffu riġlejna.***
***Kristu jgħix u ma jħallina qatt***
***imħabbtu nwasslu 'l kulħadd.***

*Int li tfittex tal-ħajja s-sens*
*ejja u skopri dak l'aħna rajna*
*ejja magħna u ħares 'il bogħod*
*lil hemm minn dak, li mhux iħallik*
*tħobb bil-ferħ, u titbissem.*
*La tħarisx lura, iżd'iftaħ widnejk*
*w'ibda isma' lil qalbek.*
*Itlaq bla biża'*
*għal din il-Missjoni.* ***RIT.***

*Kienet Marija l-ewwel li aċċettat*
*l-akbar sorpriża l-ħajja bla tmiem.*
*B'fiduċja sħiħa Marija rċeviet*
*misteru hekk kbir*
*ta' Alla li huwa għalija u għalik.*
*Le nibqa' sieket, ma nċedi qatt*
*intennilek Mulej*
*ħalli f'idejja,*
*kelmtek se nxandar.* ***RIT.***

*Ma kellhiex dubji, dwar tagħha l-missjoni*
*Marija żagħżugħa bil-għaġla ħalliet*
*il-kenn ta' darha, u marret fuq il-għoljiet.*
*'L kuġintha Żabbetta sabitha d-dar*
*fost "Tislim, ferħ u mħabba*
*frott ġufek imbierek; Hu Sidi l-Mulej".*
*Jien ukoll, irrid nisma'*
*"Għax inti emmint*
*ferħan dejjem se tkun".* ***RIT.***

GĦAL IKTAR KONTENUT INKLUŻ
VIA SAGRA BIL-MALTI

Ħarbex

Harbex


NAGĦLQU S-SENA TAL-JUM DINJI
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FLIMKIEN
ENCOUNTER
L-AĦĦAR TMIEM IL-ĠIMGĦA
TA' NOVEMBRU, '23